# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 475**

**Il-Ħamis 7 ta' April, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Mark Grech – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Bonnici – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Domenic Agius – Viċi-Sindku
Joseph Agius (Is-Sway) – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ippresieda l-laqgħa.

**475.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

475.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway) fejn talab li jiġi skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Agius (Is-Sway) jiġi skużat.

475.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi-Sindku fejn talab li jiġi skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi-Sindku jiġi skużat.

**475.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

475.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 472.4.6 u minflok il-kliem 'l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni sabiex tiġi sanzjonata din il-proprjetà', jidħol il-kliem 'l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni sabiex tiġi sanzjonata l-proprjetà *Pirella Supermarket'*.

475.2.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 472.4.6 u minflok il-kliem 'mis-Sinjura Carmen Farrugia dwar Triq Hompesch' jidħol il-kliem 'mis-Sinjura Carmen Farrugia dwar Triq il-Mina ta' Hompesch għalkemm fuq il-permess tal-*Planning Authority* qiegħda Triq Hompesch,'.

475.2.3 Il-minuti tal-472 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonniċi.

475.2.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 473.2.1 u jiżdiedu l-kliem 'Is-Sindku qal ukoll illi din il-mozzjoni kienet qed tiġi ssekondata minn diversi membri oħra'.

475.2.5 Is-Sinjura Anna Calleja talbet kopja tal-mozzjoni relatata mat-talba sabiex jitneħħa s-Segretarju Eżekuttiv.

475.2.6 Is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa fis-6.25 ta' filgħaxija.

475.2.7 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 473.2.16 u wara l-kliem 'ta l-avviż bil-miktub' jidħol il-kliem 'sitt ijiem qabel'.

475.2.8 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 473.2.21 u minflok il-kliem 'jissekonda bilfors irid jaqbel magħha' jidħol il-kliem 'li jissekonda, bilfors li qed jaqbel ma' din il-mozzjoni'.

475.2.9 Is-Sindku talab li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 473.2.25 u minflok il-kliem 'Il-Kunsill qabel b'seba' voti favur u erbgħa voti kontra.' jidħol il-kliem 'Il-Kunsill qabel b'seba' voti favur, tlett voti kontra u astenzjoni waħda'.

475.2.10 Is-Sur Joseph Bonnici qal illi huwa ma kienx astjena iżda kien ivvota kontra.

475.2.11 Is-Sur Brian Spiteri qal illi s-Sur Joseph Bonnici ma kienx għolla jdejh fl-ebda ħin tal-votazzjoni u għalhekk il-vot tas-Sur Bonnici għandu jitqies bħala astenzjoni. Is-Sindku talab li jittieħed vot.

475.2.12 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel b'sitt voti favur u żewġ voti kontra li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 473.2.25 u minflok il-kliem 'Il-Kunsill qabel b'seba' voti favur u erbgħa voti kontra.' jidħol il-kliem 'Il-Kunsill qabel b'seba' voti favur, tlett voti kontra u astenzjoni waħda'.

475.2.13 Il-minuti tal-473 laqgħa ġew approvati kif emendati.

475.2.14 Il-minuti tal-474 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

**475.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

475.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fit-3 t' April, 2017 kien ġie fi tmiemu l-*probation period* ta' sitt xhur tal-Uffiċjal Eżekuttiv is-Sinjorina Maria Livori. Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill it-tiġdid tal-kuntrattt ta' din l-impjegata għal żmien indefinit. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt tas-Sinjorina Livori jiġi mġedded għal żmien indefinit.

475.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi *CCTV camera* li kien hemm mal-*bring-in sites* fi Triq tal-Labour kienet tneħħiet u minflok ġiet installatata mal-*bring-in sites* fi Triq il-Farfett tal-Fejġel.

475.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-kumpanija *Wasteserv* kienet neħħiet ir-reċipjent għar-rimi tal-plastik li kien hemm fi Triq tal-Labour kif ukoll ir-reċipjent għar-rimi ta' karti li kien hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel peress illi kienu tkissru. Is-Sindku qal illi l-ħlas mitlub lill-Kunsill għat-tqegħid tar-reċipjent ġodda jammonta għal €590 VAT inkluż.

475.3.4 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi huwa ma jaqbilx li l-Kunsill iħallas l-ispejjeż tal-*bring-in sites* imkissra. Is-Sindku qal illi kien ser ikellem lill-kumpanija *GreenPak.*

475.3.5 Dwar l-istedina uffiċjali għal Eschenfest li ser issir f'Mejju li ġej, is-Sindku qal illi minħabba mpenji ta' xogħol mhux ser ikun possibli għalih li jmur il-Ġermanja. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri jinfurmah f'każ li jkun hemm xi ħadd interessat sabiex imur Eschenfest.

475.3.6 Dwar il-kiri tal-garaxx fi Triq id-Dukkar, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded il-kiri tal-garaxx numru 1 fi Triq id-Dukkar għal perjodu ta' sena għall-ħlas ta' €730 mingħand is-Sur Nicholas Aquilina.

475.3.7 Dwar il-kiri tal-garaxx fi Triq Alessio Erardi, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded il-kiri tal-garaxx li għandu fi Triq Alessio Erardi għall-perjodu ta' sena għall-ħlas ta' €472 mingħand *Kenneth Hardware Store*.

475.3.8 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill *quotation* mibgħuta mingħand *Storage Systems Limited* sabiex jinxtara xkaffar tal-ħadid sabiex jiġi organizzat l-*istore* tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-ħlas mitlub għax-xiri ta' dawn l-ixkaffar jammonta għal €1,060 VAT inkluż. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtara dan l-ixkaffar.

475.3.9 Is-Sindku qal illi l-Kunsill ġie mitlub jagħmel *risk assessment* tal-bini tal-Kunsill mingħand l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Is-Sindku qal illi l-kwotazzjonijiet li ngħataw kienu mingħand *Absolute Health and Safety* għall-prezz ta' €206.50 VAT inkluż, James Mizzi għall-prezz ta' €200 Vat eżenti u mingħand is-Sur Eric Catania għall-prezz ta' €177 Vat inkluż. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-orħos offerta mingħand is-Sur Eric Catania għall-prezz ta' €177 Vat inkluż.

475.3.10 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva taħrika ta' xhieda fil-kawża tas-Sur Lawrence Borg vs il-Kummissarju tal-Artijiet et. sabiex jixhed dwar applikazzjoni li kienet saret mill-Kunsill (PA/07392/97) għal ġnien ġewwa Pjazza San Nikola u dwar ix-xogħlijiet konnessi ma' Triq San Nikola ma' ġenb Pjazza San Nikola. Is-Sindku qal illi bħala rappreżentanta mill-Kunsill kienet telgħet tixgħed is-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto. Is-Sindku qal ukoll illi s-Sinjorina Testaferrata de Noto ġiet mitluba terġa' titla' tixhed u tieħu magħha kopja tal-minuti fejn il-Kunsill kien iddeċieda li jagħmel il-proġett f'Misraħ San Nikola iżda meta marret il-Qorti is-Sinjorina Testaferrata de Noto ma ġietx imsejħa biex terġa' tagħti x-xiehda tagħha.

475.3.11 Dwar Pjazza San Nikola s-Sindku qal illi il-parti ta' fejn hemm il-qasab hija proprjetà privata filwaqt li mill-bini 'l isfel huwa proprjetà tal-Gvern Ċentrali. Is-Sindku qal illi kien tkellem mal-avukat tal-Kunsill u ssuġerixxa żewġ *options*. *Option 1*: li l-Kunsill jistenna l-kawża tas-Sur Borg tinqata' u jitlob *expropriation* tal-art u *Option 2* : li l-Kunsill jitlob lis-sid tal-art itella' ċint madwar l-art mitluqa.

475.3.12 Is-Sindku qal illi l-Kunsill ġie nfurmat illi l-allokazzjoni finanzjarja ta' St Peter kienet ser tkun €81,261.

475.3.13 Is-Sindku qal illi kien inbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

475.3.14 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk kinux ser isiru l-*bollards* fi Triq il-Mina ta' Hompesch tul it-triq kollha bil-għan li jitnaqqas il-periklu għas-sewwieqa. Is-Sindku qal illi ma kellux informazzjoni dwar dan.

475.3.15 Is-Sur Vella staqsa jekk hux legali li trakkijiet kbar jistgħux jgħaddu minn fuq il-*bollards* meta jkunu deħlin għand *Scotts Supermarket.* Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

475.3.16 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività *Zabbar Autofest* flimkien mal-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-ispiża tal-Kunsill għal din l-attività ma taqbiżx it-€3,000.

475.3.17 Is-Sindku qal illi s-Sur Marvik Borg kien kiteb lill-Bord tal-Governanza sabiex terġa' tiġi kkunsidrata t-talba għall-kumpens dwar l-inċident li allegatament kellu fi Triq San Leonardu k/m Triq San Anard, Ħaż-Żabbar fejn talab kumpens ta' €645.12. Is-Sindku qal illi diġa kienet ingħatat sentenza kontra is-Sur Borg mill-Arbitru tat-Tribunal peress illi t-talba tas-Sur Borg ma kinitx taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill kien diġa rrifjuta li jilqa' talba għall-kumpens dwar l-inċident li allegatament kellu s-Sur Borg fi Triq San Leonardu k/m Triq San Anard u dan peress illi l-allegatament ħsara ma kinitx minħabba negliġenza tal-Kunsill.

475.3.18 Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.55 ta' filgħaxija.

475.3.19 Is-Sindku qal illi kien inbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq iċ-Ċawsli.

475.3.20 Is-Sindku qal illi kien ser jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Kunvent fil-ġranet li ġejjin. Is-Sindku qal ukoll illi l-*main* tal-ilma ta' quddiem il-bini tal-Kunsill kien ser jiġi mgħoddi minn fuq il-bankina u qal illi kien ser isir *cabinet* fl-entratura tal-bitħa tal-Kunsill sabiex jitpoġġew l-arloġġi tal-*meters* tal-ilma tal-uffiċini li qegħdin fil-bini taċ-Ċentru Ċiviku.

475.3.21 Is-Sur Mark Grech qal illi kienet qed issir rampa quddiem l-għassa tal-Pulizija u staqsa jekk kinitx ser titwessa' l-bankina sabiex tkun aċċessibli għall-persuni b'diżabilità. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

475.3.22 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li tiġi rranġata Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kunvent peress illi kienet sfrundat it-triq. Is-Sur Agius issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lill-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura sabiex isir xogħol ta' *resurfacing* fil-parti li tgħaqqad Triq il-Kunvent ma' Triq ix-Xgħajra.

475.3.23 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tittella' wirja tal-Ġimgħa l-Kbira flimkien mal-Grupp Armar Parroċċa Madonna tal-Grazzja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-ispiża tal-Kunsill għal din l-attività ma taqbiżx l-€1,000.

475.3.24 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu ġew ordnati l-*bollards* sabiex tingħalaq parti mic-*central strip* li hemm fi Triq il-Vittorja bil-*bollards* sabiex tkun tista' tintuża bħala *parking space* għall-karozzi. Is-Sindku qal ukoll illi kienet saret talba lil Transport Malta sabiex issir *zebra crossing* mas-*central strip* fi Triq il-Vittorja.

475.3.25 Is-Sindku qal illi kien qed jirċievi diversi talbiet sabiex Triq San Anard issir *one* way minħabba inġenji kbar li jgħaddu minn din it-triq sabiex isir xogħol ta' *landscaping* f'Ta' Barkat. Is-Sindku qal illi kellu laqgħa mas-Sindku tax-Xgħajra u ġiet diskussa l-possibiltà sabiex l-inġenji l-kbar jgħaddu mix-Xgħajra. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sindku tax-Xgħajra kien oġġezzjona peress illi kien ser jinħoloq inkonvenjent għar-residenti tax-Xgħajra. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir talba lil Transport Malta sabiex ma jgħaddux inġenji kbar matul ċertu ħinijiet minn Triq San Anard.

475.3.26 Is-Sindku ddiskuta dwar is-sistema ta' *traffic management* fi Triq Felice u l-madwar. Is-Sindku qal illi kien ser jibgħat lill-Kunsillieri kopja ta' *site plan* bil-proposti sabiex Triq Felice issir *one way* u wara ssir konsultazzjoni mar-residenti li joqgħodu fi Triq Felice.

475.3.27 Is-Sindku qal illi kien ser isir xogħol ta' *resurfacing* f' parti minn Triq il-Kaħwiela mill-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura.

475.3.28 Is-Sindku qal illi kienet saret applikazzjoni tal-*Measure 4.3 – Support for investments in infrastructure related to development, modernisation or adaptation of agriculture and forestry* sabiex isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Wied ta' Mazza, Triq Ħas-Sajjied u Triq San Anard.

475.3.29 Is-Sindku tkellem dwar diversi lmenti li kien irċieva wara li sar it-tibdil fis-sistema ta' traffiku fi Triq Patri Taddew Schembri u wara li nżebgħu sinjali sofor ta' traffiku f'din it-triq. Is-Sindku qal illi l-maġġoranza tar-residenti ma jaqblux li Triq Patri Taddew Schembri tkun *one-way* u qed jesiġu li l-Kunsill jreġġa' lura s-sistema tat-traffiku fi Triq Patri Taddew Schembri għal kif kienet oriġinarjament. Is-Sindku qal illi kien tkellem mal-Onorevoli Joe Mizzi l-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura sabiex iressaq l-ilmenti tar-residenti.

475.3.30 Fis-7.20 ta' filgħaxija s-Sur John J Pace talab li jkun skużat.

475.3.31 Is-Sur Mark Grech semma l-ħtieġa li jitneħħa *parking* minn naħa waħda f'każ li l-Kunsill jreġġa' lura s-sistema ta' traffiku fi Triq Patri Taddew Schembri.

475.3.32 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xogħol fil-latrini tal-bandli fi Ġnien il-Kunsill kien ser jitkompla fil-ġranet li ġejjin. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jwaħħal penali lir-*Road Maintenance Services Limited,* il-kuntrattur responsabbli mix-xogħol tal-latrini fi Ġnien il-Kunsill, f'każ li ma jibdiex ix-xogħol fi żmien ġimgħa.

475.3.33 Is-Sur Joseph Vella talab li titwaħħal bandla għall-persuni b'diżabilità kif ukoll sabiex jitwaħħlu *speakers* bil-mużika fil-bandli Ġnien il-Kunsill.

475.3.34 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex titwaħħal xibka fit-tinda li hemm fil-*playing field* minħabba s-sħana li jkun hemm fix-xhur tas-Sajf.

475.3.35 Is-Sur Joseph Vella qal illi fi Ġnien il-Kunsill kien qed ikun hemm tfal jilgħabu bil-ballun, tfal jiġru bir-rota kif ukoll nies bil-klieb.

**475.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

475.4.1 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill irċiviex risposta minn Transport Malta dwar it-talba biex issir *road hump* fi Triq iż-Żinġla. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

475.4.2 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk kienux twaħħlu l-ismijiet tat-toroq il-ġodda. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

475.4.3 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien attenda l-laqgħa plenarja. Is-Sur Agius qal illi waqt il-laqgħa plenarja ġie mfaħħar il-Kunsill ta' Ħaż-Żabbar peress illi kellu l-iktar parteċipanti għall-kors Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar.

475.4.4 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien hemm ħafna *tyres* fil-viċinanzi ta' Triq Bieb is-Sultan li jistgħu jkunu ta' periklu f'każ ta' nar.

475.4.5 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jiġi rranġat *railing* imkisser fi Triq Wied il-Għajn ma' Triq il-Kunvent. Is-Sindku qal illi diġa kien ġie ordnat.

475.4.6 Fis-7.50 ta' filgħaxija s-Sur Brian Spiteri talab li jkun skużat.

475.4.7 Is-Sur Joseph Agius qal illi hemm bank imkisser f'Misraħ San Ġakbu. ~~Is-Sur Agius talab sabiex il-bankijiet li hemm f' Misraħ San Ġakbu isiru tal-ħadid sabiex ma jiġux vandalizzati~~. ls-Sur Agius qal illi l-bankijiet tal-injam li hemm f'Misraħ San Ġakbu kienu qed jiġu vandalizzati u għalhekk talab biex kull meta jiġi vandalizzat xi bank tal-injam minflok jissewwa isir bank tal-ħadid. (Emendat)

475.4.8 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jiġu rranġati tabelli ta' *no parking* li hemm f'Misraħ San Ġakbu li jindikaw il-ħinijet tas-suq fil-beraħ.

475.4.9 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex ~~issir mera fi Triq Felice ma' Triq il-Kunvent~~ tiġi rranġata l-mera li hemm fi Triq il-Kunvent ma Triq Feliċe għax kienet imdawwra. (Emendat)

475.4.10 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li tiġi rranġata ħofra fi Triq is-Santwarju ~~parti minn Triq is-Santwarju peress illi kienet niżlet it-triq u kien hemm xi ħofor~~. (Emendat)

475.4.11 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinitx saret il-laqgħa sabiex tiġi rrestawrata l-Mina ta' Hompesch mill-istudenti tal-MCAST. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sindku qal ukoll illi l-Mina ta' Hompesch ma kinitx ser tiġi rrestawrata mill-istudenti tal-MCAST peress illi kienet ġiet aċċettata l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-iskema ta' restawr għall-Kunsilli Lokali.

475.4.12 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jiġu *refreshed* il-*hatching lines* ta' Triq Bajada ma' Triq tal-Labour. Is-Sur Buttigieg talab ukoll sabiex isiru xi sinjali oħra biex ma jsirx ipparkjar ta' vetturi fil-kantuniera ta' Triq Bajada ma' Triq tal-Labour.

475.4.13 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jitwaħħlu t-tabelli bil-ħinijiet tal-*loading/unloading bay* fi Triq il-Kbira.

475.4.14 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fit-18 t' April, 2017 kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani.

475.4.15 Is-Sur Joseph Buttigieg tkellem dwar iż-*zebra crossing* li saret minn Transport Malta fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sur Buttigieg qal illi *ż-zebra crossing* kienet ta' periklu għas-sewwieqa peress illi kienet mudlama u barra minn hekk parti mill-bankina taż-*zebra crossing* kienet ħierġa għal nofs it-triq.

475.4.16 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li ssir rampa għall-persuni b'diżabilità f'diversi bankini fosthom fi Triq Strickland, Triq Felice u Triq ix-Xgħajra.

475.4.17 Is-Sur Joseph Agius talab li jsir xogħol ta' manutenzjoni f'diversi bankini f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi bħalissa l-Kunsill kien qiegħed mingħajr kuntratt għall-manutenzjoni ta' toroq u bankini.

475.4.18 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *road hump* fil-viċinanzi tad-dar 'Solitaire' fi Triq il-Marloċċ. Is-Sur Mark Grech qal illi fi Triq il-Marloċċ hemm ħafna garaxxijiet.

## 475.5 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

475.5.1 Ma kienx hemm minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter.

## 475.6 Abbozz tal-Pjan ta' Ħidma 2017-2019

475.6.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill l-abbozz tal-Pjan ta' Ħidma 2017-2019. Dan il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella.

## 475.7 Talbiet għall-kumpens dwar inċidenti tat-traffiku

475.7.1 Inqara rapport li l-Kunsill irċieva mis-Sur Yann Demicoli dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq Wied il-Għajn, fejn talab kumpens ta' €40 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

475.7.2 Inqara rapport li l-Kunsill irċieva mis-Sur Keith Pisani dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq in-Naħla, fejn talab kumpens ta' €80 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

## 475.8 Għażla tal-Bord għall-Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv

475.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet ħarġet sejħa għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva diversi applikazzjonijiet iżda waħda biss kienet eleġibbli.

475.8.2 Is-Sindku talab sabiex jinħatar Bord għall-Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal illi l-Bord tal-Għażla għandu jkollu Segretarju li jkun is-Segretarju Eżekuttiv u ma jkollux dritt tal-vot u r-rwol tiegħu jkun li jsegwi l-proċess tal-għażla. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill dejjem kien żgwidat mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Duncan Busuttil peress illi fil-passat is-Sur Busuttil kellu d-dritt tal-vot fil-Bord tal-Għażla.

475.8.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord tal-Għażla kompost mis-Sindku, mis-Sur Brian Spiteri, mis-Sur Joseph Buttigieg, mis-Sur Joseph Vella u mis-Sur Lawrence Montesin biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla u biex iressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv.

**475.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

475.9.1 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti mill-14 ta' Frar 2017 sas-6 t'April 2017 li kien jammonta għal €136,366.52.

475.9.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Frar 2017 li kien jammonta għal €144.87.

**475.10 Mozzjonijiet**

475.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**475.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

475.11.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.20 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 8 ta' Mejju, 2017.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-477 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju, 2017.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku